KULLEĠĠ SAN BENEDITTU
Skola Sekondarja, Ħal Kirkop

Marka

EŻAMI TA' NOFS IS-SENA – 2014/2015

IT-TIELET SENA | Studji Soċjali Option | ĦIN: siegħa u nofs

L-Isem: ________________________________ **Il-Klassi:** ___________

L-ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:

Din il-karta tal-eżami fiha ĦAMES taqsimiet. L-istudenti jridu jwieġbu t-taqsimiet KOLLHA u jaqraw sew l-istruzzjonijiet għal kull taqsima. Il-marki għal kull taqsima jidhru bejn il-parentesi.

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

Il-Mistoqsija	A	B	Ċ	D	E	TOTAL
Il-Marki	10	25	25	20	20	100
Il-Marki tal-istudent						

<u>TAQSIMA A</u>

Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin billi timmarka l-frażi t-tajba.

1. Soċjalizzazzjoni sekondarja hi t-tagħlim li nieħdu
a. fl-ewwel snin ta' ħajjitna
b. minn meta nibdew nattendu l-iskola sa ma mmutu
c. minn tal-familja

2. Aġenti tas-socjalizzazzjoni huma
a. prinċipji tajbin li s-soċjeta' timxi fuqhom
b. kastigi li naqilgħu meta nagħmlu xi ħaġa ħażina
c. ġenituri, għalliema, ħbieb, katekisti

3. Valuri huma
a. prinċipji tajbin fis-soċjeta'
b. dik li turi jien min jien
c. regoli fis-soċjeta'

4. Grupp primarju huwa
a. grupp fejn il-membri jkunu jafu sew lil xulxin
b. ħafna nies li ma tkunx tafhom
c. grupp kbir tal-iskola

5. L-istil ta' ħajja tal-familja Maltija
a. dejjem jibqa' l-istess
b. jinbidel minn żmien għal żmien
c. hu li t-tfal jiġġieldu

6. Grupp ta' pressjoni hu
a. li taħdem waħdek
b. li l-membri jkollhom pressjoni għolja
c. li ssemma' leħnek biex tbiddel l-ideat tas-soċjeta'

7. Il-liġijiet qegħdin hemm biex
a. jiġu obduti
b. jkunu mgħallma fl-iskejjel
c. jingħataw iċ-ċitazzjonijiet

8. Sanzjonijiet huma
a. prinċipji tajbin li s-soċjeta' timxi fuqhom
b. kastigi li naqilgħu meta nagħmlu xi ħaġa ħażina
c. affarijiet li jippremjaw imġieba tajba jew jikkastigaw imġiba ħażina

9. Importanti li nkunu nagħmlu parti minn għaqda
a. meta ma jkollniex x'nagħmlu
b. biex niltaqgħu man-nies u nitgħallmu
c. biex naħlu l-ħin

10. Matul ħajtu, il-bniedem għandu
a. ħafna irwoli x'jaqdi
b. ħafna ħin x'jaħli
c. dmirijiet biss jew drittijiet biss

10 marki

TAQSIMA B

Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.

Tiftakru l-film Cast Away. Wara li ħabat l-ajruplan tiegħu, Chuck jispiċċa iżolat fuq gżira deżerta. Mingħajr l-iktar affarijiet bażiċi għall-ħajja ta' kuljum, huwa l-ewwel ikollu bżonn jilħaq il-ħtiġijiet bażiċi bħall-ilma, l-ikel u l-kenn. Iżda hu jispiċċa wkoll iżolat minn xi ħaġa importantissima fil-ħajja ta' kuljum: il-kuntatt uman. Għalhekk hu joħloq 'ħabib immaġinarju' jismu Wilson li kien ballun b'wiċċ miżbugħ fuqu.

Silta addattata minn *Nifhmu l-Ġenn tas-Soċjeta'* ta' Brian Chircop

1. Il-bniedem hu ħlejqa soċjali u ma jistax jgħix waħdu. Għaliex?

____

____

____(3)

2. Semmi **tliet** modi ta' kif għandha tkun l-imġiba soċjali ta' persuna.

a. ____

b. ____

c. ____(3)

3. Fir-relazzjonijiet tagħna mal-oħrajn jista' jkollna diversi kunflitti. Semmi **tliet** modi ta' kif inti tista' ssolvi kunflitt.

a. ____

b. ____

c. ____(3)

4. Fisser id-differenza bejn **indipendenza** u **interdipendenza**.

____

____

____

____(4)

5. Spega t-terminu **soċjalizzazzjoni**.
   Uri d-differenza bejn **soċjalizzazzjoni primarja** u **soċjalizzazzjoni sekondarja**.

____

____

____

____

____(2,3)

6. Min huma l-**aġenti tas-soċjalizzazzjoni**?
   Agħti eżempju ta' **aġent primarju** u eżempju ta' **aġent sekondarju** tas-soċjalizzazzjoni.

____

____

____

____(2,2)

7. F'ħajjitna l-aġenti tas-soċjalizzazzjoni huma importanti ħafna. Għalfejn?

____

____

____

____(3)

<u>TAQSIMA Ċ</u>

Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.

Irridu niftakru li ċ-ċittadinanza tfisser kemm drittijiet kif ukoll dmirijiet. Is-saħħa taċ-ċittadin tiddependi minn kemm persuna tagħraf x'tista' tagħmel. Il-parteċipazzjoni fi ħdan xi grupp ta' pressjoni jew interess huwa mezz ta' kif wieħed jista' jmexxi 'l quddiem id-drittijiet tiegħu. Pero' ma rridux ninsew li hemm ħafna affarijiet li aħna rridu nagħmlu. Dawn huma d-dmirijiet tagħna.

Silta addattata minn *Ninvestigaw is-Soċjeta'* ta' Godfrey Baldacchino

1. Min hu ċ-**ċittadin**?

____

____(2)

2. Iċ-ċittadin għandu kemm dmirijiet kif ukoll drittijiet. Spjega dawn it-termini.
   a. **Dmirijiet**____

   ____(2)

   b. **Drittijiet**____

   ____(2)

3. X'tifhem meta ngħidu drittijiet fundamentali tal-bniedem? Agħti **żewġ** eżempji.

____

____

____

____(2,2)

4. *"In-normi u l-valuri jġibu l-għaqda soċjali."*

a. **Normi** huma

____

____(2)

b. **Valuri** huma

____

____(2)

c. Spjega fil-qosor is-sentenza *"In-normi u l-valuri jġibu l-għaqda soċjali."*

____

____

____(2)

5. Spjega d-differenza bejn **komunita' lokali** u **komunita' nazzjonali**.

____

____

____(3)

6. Fil-komunita' jgħixu diversi nies differenti. Semmi **tnejn** minn dawn in-nies u ikteb x'inhu l-irwol tagħhom fil-komunita'.

____

____

____(1,2)

7. Semmi **tliet** bidliet li seħħew fil-komunita' minn wara t-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn.

a. ____

b. ____

c. ____(3)

<u>**TAQSIMA D**</u>

Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA fid-dettall.

1. 'No man is an island.' Spjega din is-sentenza.

____

____

____

____(4)

2. Is-sanzjonijiet iġibu l-kontroll fis-soċjeta'.

a. Spjega din is-sentenza.

____

____

____(2)

b. Agħti **eżempju** ta' sanzjoni pożittiva u **eżempju** ta' sanzjoni negattiva.

____

____(2)

3. L-istituzzjoni tal-famija u l-istituzzjoni edukattiva huma ferm importanti. Għalfejn?

(i) L-istituzzjoni tal-familja

____

____(2)

(ii) L-istituzzjoni edukattiva

____

____(2)

4. Kull ċittadin irid jagħti sehemu fis-soċjeta' biex jieħu d-drittijiet tiegħu.

a. Semmi **żewġ** affarijiet li s-soċjeta' tistenna miċ-ċittadini tagħha.

(i) ____

(ii) ____(2)

b. Semmi **żewġ** affarijiet li ċ-ċittadin jistenna mis-soċjeta'.

(i) ____

(ii) ____(2)

5. Spjega dawn li ġejjin:

a. Peer group

____

b. Pressure group

____

c. Grupp ta' interess

____

d. Grupp etniku

____(4)

TAQSIMA E

Agħżel WIEĦED mit-temi li ġejjin u ikteb komponiment dwaru f'madwar 200-250 kelma.

1. Ħadd ma jista' jgħix waħdu fis-soċjeta'. Iddiskuti
2. Spega d-differenza bejn identita' lokali, nazzjonali, Ewropeja u globali.
3. Is-soċjalizzazzjoni hi importanti kemm għall-individwu u kif ukoll għas-soċjeta'. Iddiskuti.
4. Insibu diversi istituzzjonijiet differenti fis-soċjeta'. Iddiskuti x'inhu l-irwol ta' dawn l-istituzzjonijiet u x'kontribut jagħtu lis-soċjeta'.

Numru tal-Komponiment: ____

20 marka